# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 436/2012**

Il-Pulizija

(Spettur Johann Fenech)
(Spettur Raymond Cassar)
vs

**Kenneth Ellul**

iben Joseph Mary, imwieled Pieta', fil-15 ta' Settembru, 1974, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 444374(M)

Illum, 25 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Kenneth Ellul, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

a) Talli f'H'Attard nhar it-2 ta' Marzu, 2009, ghal habta ta' bejn l-ghaxra ta' filghodu u s-siegha ta' wara nofs inhar, flimkien ma persuna jew persuni ohra, ikkommetta serq ta' gojellerija u ornamenti ta' hagar prezzjuz ghad-dannu ta' Salvatore u Agnes Cutajar, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li jeccedi €2,329.37, bil-lok u bil-mezz (art. 261, 263(a), 266, 267 u 269(g) ta' Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

b) Fl-istess jum, f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtara u/jew laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun iddahhal f'dawn il-Gzejjer biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti huma gejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li jeccedi €2,329.37, bil-lok u bil-mezz (art. 334 ta' Kapitolu 9 ta' Ligijiet ta' Malta);

c) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorrix €1,164.69 imma hija iktar minn €116, liema hsara saret ghad-detriment ta' Salvatore u Agnes Cutajar (art. 325(b) ta' Kapitolu 9 ta' Ligijiet ta' Malta);

d) Sar recediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289(1) ta' Kapitolu 9 ta' Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Settembru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota tas-16 ta' Lulju, 2009 u senjatament l-artikoli 261(b)(c) u (e), 263, 264, 266, 267, 269(g), 278, 279, 280, 281, 289, 325(b), 49, 50, 17 u 31 tal-Kodici Kriminali l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-ewwel(1), tat-tielet(3) u tar-raba'(4) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u kkundannatu sentejn(2) prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant Kenneth Ellul ipprezentat fid-9 ta' Ottubru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghogobha tirriforma s-sentenza appellata, limitatament in kwantu ghall-piena, billi tikkonferma dik il-parti fejn il-Qorti sabet hati lill-appellant kif ukoll dik il-parti fejn ma haditx konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni, u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundanatu ghall-piena ta' sentejn prigunerija, u minflok tapplika piena mhux restrittiva ghall-liberta', jew subordinatament tapplika piena anqas minn dik inflitta.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi jigi rilevat li dan l-appell huwa limitatament dwar il-piena nflitta u mhux dwar il-mertu tal-kawza. Dan ghaliex l-appellant ihoss li l-piena nflitta setghet kienet wahda mhux restrittiva ghall-liberta'. Illi l-appellant huwa edott tal-fatt illli l-Onorabbli Qrati ta' l-Appell, fin-norma, ma jiddisturbawx u rarament ibiddlu l-piena mposta mill-ewwel Qorti. Pero' meta wiehed iqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern, inkluzi dawk li jirrigwardjaw l-imgieba prezenti tal-appellant, l-appellant ihoss li l-Ewwel Qorti nfliggiet piena pjuttost harxa ghal dak li huwa wettaq.

Illi l-appellant umilment jirrileva li ghal hafna snin huwa kien mahkum mill-vizzju tad-droga, u f'dan il-perjodu huwa jammetti li wettaq diversi serqiet, ghal liema reati huwa diga' skonta numru konsiderevoli ta' snin gewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

Illi fid-diversi kawzi li kellu quddiem il-Qrati tal-Gustizzja l-appellant kwazi dejjem irregistra ammissjoni bikrija.

Illi kemm illu detenut fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin l-appellant ghamel kambjament kbir u cioe' li minn persuna li kien totalment mahkum mill-vizzju tad-droga, minn gewwa Facilita' Korrettiva ta' Kordin, fi zmien fejn anke l-Qrati taghna iddeploraw il-fatt li d-droga f'din l-istituzzjoni kienet facli biex takkwista, l-appellant fieq kompletament minn dan il-vizzju.

Illi dwar kif drastikament inbidel il-karattru tal-appellant, fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Kenneth Ellul', deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-3 ta' Lulju, 2012, liema kaz kien identiku ghall-ahhar ghal dak odjern, il-Qorti, wara li semghet ix-xiehda tad-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin, l-ufficjal inkarigat mill-MI room tal-istess Facilita' u ezaminat ir-rapport tal-Probation Officer li rrakkomandat li piena karcerarja tkun ta' detriment ghall-imputat, applikat l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ta' min jirrileva li anke l-Qorti kienet pjuttost sorprisa b'dak li xehed id-Direttur tal-Facilita' odjerna, stante li dan qalli l-appellant kien qieghed jigi fdat anke sahansitra jmur ta' kuljum jaghmel xoghol fil-gnien hekk imsejjah tal-President gewwa H'Attard.

Illi fil-kawza msemmija, u cioe' dik deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-3 ta' Lulju 2012, giet ezebita wkoll is-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs George Farrugia', moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) mill-Imhallef Vincent De Gaetano fit-18 ta' Jannar, 2001. Giet ezebita proprju din is-sentenza minhabba dan il-bran partikolari, u cioe':

Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhala. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-Qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija tal-kundanni, pero, jinvolvu multi u habs. A propositu ta' din il-karriera, l-Avukat Generali, fir-rikors tieghu, jghid hekk:

F'dawn ic-cirkostanzi u f'din is-sitwazzjoni refrattarja u irriversibbli li fiha l-imputat waddab lilu nnifsu, l-esponent bl-akbar umilta' ma jista' qatt jaccetta jew jikkondividi it-tip ta' piena, jew ahjar il-mod kif l-ewwel Qorti deherilha li kellha titratta mal-imputat. Hawnhekk ma ghandniex xi kaz ta' xi cittadin Malti ta' eta' tenera li habat difrejh l-ewwel darba mal-ligi u jinstab l-ewwel darba quddiem il-Qorti.

Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" - fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita' assoluta - anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' Probation hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna *"a window of opportunity"* li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu Principles of Sentencing (Heinemann, London, 1979):

"The term "inadequate recidivist" is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any

chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited . . . . . As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).

U aktar tard l-istess awtur jghid hekk dwar l-uzu ta' l-Ordni ta' Probation:
"The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentencer. It is not limited to anyone group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character" (p.236).

Wara li din il-Qorti semghet, fl-udjenza tas-16 ta' Jannar, 2001, lill-Ufficjal tal-Probation Mary Grace Vella, hija tal-fehma li hemm xaqq ta' dawl fis-sens ta' possibilita' li l-appellat ibiddel hajtu. Din il-Qorti, bhall-ewwel qorti, hi preparata li tiehu r-riskju li tqieghed lill-appellat taht is-supervizjoni ta' ufficjal tal-probation; l-appellat, s'intendi, qed jigi mwissi li jekk huwa jikser il-kundizzjonijiet tal-Ordni jew jikkometti reat, ikun xi jkun, fil-periodu tal-probation, m'ghandux jippretendi li jsib hajt ta' kenn quddiem il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. L-unika haga li din il-Qorti ser izzid mas-sentenza ta' l-ewwel Qorti huwa li tordna lill-Ufficjal tal-Probation li tidher darba kull tlett xhur, flimkien ma' l-appellat, quddiem din il-Qorti biex din il-Qorti jkollha dejjem rapport aggornat ta' x'inhu jigri.

Illi jigi finalment rilevat, li l-Probation Officer li xehedet fil-kaz li ghalih saret referenza, l-istess Probation Officer rrakkomandat li piena karcerarja tkun ta' detriment ghall-appellant.

Illi l-appellant bl-ebda mod ma huwa qieghed jipprova jiggustifika dak li ghamel fil-perjodu, ta' madwar sena u nofs, meta huwa kien litteralment mahkum mill-vizzju tad-dorga, fejn f’dan il-perjodu wettaq ammont kbir ta' serq sabiex isostni l-vizzju tieghu. Pero' stante li l-appellant ilu kwazi erba' snin (4) detenut fil-Facilita' korrettiva ta' Kordin, li ma' dawn fadallu jiskonta aktar snin, huwa jhoss li galadarba issa rnexxielu jeghleb kompletament il-vizzju tad-droga, huwa genwinament ihoss li jekk jinghata l-opportunita, kif diga' inghata mill-Qrati taghna, li jintegra ruhu fis-socjeta', huwa konfidenti li mhux ser ikun ta' detriment ghas-socjeta' kif eventwalment kien meta kien mahkum mill-vizzju tad-droga.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appel jirrigwarda biss il-piena erogata mill-ewwel Qorti. Minn analizi tal-piena hu car li l-ewwel Qorti mponiet piena ekwa u gusta u ma hemm xejn xi tghid fl-operat ta' l-ewwel Qorti.

Illi l-appellant ta diversi ragunijiet fir-rikors ta' l-appell tieghu ghaliex l-ewwel Qorti ma kellhiex timponi piena ta' prigunerija.

Illi din il-Qorti rat il-fedina penali tal-appellant li mhiex xi wahda nadifa. L-appellant ighid li fil-perjodu ta' meta nqalghu l-incident kien kien mahkum mill-vizzju tad-droga. Illum, hu f'kondizzjoni decizament ahjar u fil-fehma tieghu piena karcerarja tkun wahda kontro-producenti. Hu veru li l-appellant ghandu jhallas ta' eghmilu izda kif hemm indikat fl-insenjament tas-sentenza Farrugia hawn fuq indikata, wiehed ghandu jkollu l-ahhar opportunita' biex jirredimi ruhu. Naturalment, jekk din hi redenzjoni ghal finijiet ta' dan l-appell biex jevita l-piena gusta u ekwa li haqqu din il-Qorti ser tiehu l-passi necessarji biex l-appellant ma jghaddiex biz-zmien lill-Qorti. Hu car li din il-Qorti hi propensa li tilqa l-appell ta' l-appellant izda ser tiehu l-passi biex tara li din hi redenzjoni vera.

Ghaldaqstant, fil-waqt li tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu tilqa' l-appell ta' Kenneth Ellul dwar il-piena. Thassar u tirrevoka l-piena ta' sentejn prigunerija u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fejn qed taghmel Ordni ta' Probation u tqieghdu taht il-harsien ta' Probation Officer ghal perjodu ta' tlett snin mil-lum. Il-Probation Officer ghandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti kull sitt xhur dwar

kif qed igib ruhu Kenneth Ellul.  Tikkonferma li l-appellant ghandu jhallas is-somma ta' €908.84 spejjez inkorsi f'din il-kawza.